ĠUNJU 2019 - Nru. 473

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

Kien raġel għani u ħsiebu biss biex ifaddal il-liri tad-deheb. Kellu vażett kbir li fih kien dejjem iwaddab dawn il-liri. Kienu jmorru jħabbtulu l-bieb ħafna foqra, imma hu qatt ma ried inaqqas il-flus mill-vażett, li issa kien wasal biex jimtela.

Kellu xadina li kien rabbieha hu, u saħansitra ddeċieda li jbiegħha biex ikollu flus biżżejjed biex fl-aħħar jimla l-vażett. Darba waħda, mar qadja sal-Belt u ħalla x-xadina waħedha tiġri mad-dar. Din, malli rat il-vażett ileqq bil-flus ġo fih, dlonk fetħet il-għatu tal-vażett, marret tiftaħ it-tieqa u bdiet twaddab il-liri tad-deheb fit-triq! M'għandniex xi ngħidu, malli n-nies intebħu x'kien qed jiġri, ġrew għal taħt it-tieqa jiġbru kemm jifilħu dawn il-muniti, bl-imħatra min ser jirnexxilu jiġbor l-aktar minn dawn il-liri.

Meta r-raġel wasal lura d-dar, għoddu ħassu ħażin x'ħin ra x'kienet għamlitlu x-xadina. 'Ara x'għamlitli!' beda jgħajjat u jwerżaq!

Imma n-nies weġbuh: 'Oqgħod kwiet ħabib, għax għalkemm ix-xadina għamlet ħażin, għallinqas in-nies li huma aktar fil-bżonn minnek gawdew minnhom dawk il-flus. Mhux aħjar milli baqgħu magħluqa fil-vażett?

Ix-xadina u l-vażett

Veduta mill-għoli

Editorjal

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-ħaddiema

Nru. 473
Ġunju 2019

Ħbieb,

M'ilux konna vaganza barra minn Malta, u f'għodwa minnhom iddeċidejna li nitilgħu għolja kbira u pjuttost wieqfa biex minn hemmhekk inkunu nistgħu naraw il-belt kollha li konna fiha taħtna.

L-għolja kienet iebsa biex titlagħha, nammetti, u aħna u telgħin intbaħna li mhux ta' b'xejn li hawn min jaqta' qalbu u ma jagħmilhiex din l-eskursjoni. Batejna, għejjejna, kultant kellna nieqfu biex nistrieħu ftit, imma fl-aħħar wasalna fil-quċċata. U tabilħaqq, ix-xena li rajna minn hemm fuq kienet tassew sabiħa: il-belt kollha taħtek, bini ta' kull daqs u għamla, toroq, għelieqi, ġonna ... xena li ssaħħrek.

Kos, bdejt naħseb ... din tal-għolja qisha bħall-ħajja tagħna. Hekk kif wieħed irid ibati biex jitla' fil-għoli u jkun jista' jara u japprezza l-veduta kollha, hekk fil-ħajja trid tbati u tistinka biex takkwista dik l-esperjenza li biha jirnexxilek tagħraf il-ħajja b'mod komplut, bit-tajjeb u l-ħażin tagħha, u tapprezza s-sabiħ tagħha hekk kif aħna apprezzajna dik il-belt sabiħa hekk kif rajniha minn dak l-għoli.

Kull wieħed u waħda minna għandna l-għolja tagħna li rridu nitilgħuha jekk irridu li jkollna suċċess minn ħajjitna. Jekk naqtgħu qalbna u nibqgħu isfel, ma nkunux nistgħu napprezzaw is-sbuħija ta' ħajjitna, imma nintilfu fit-toroq tal-għira, biżgħat u argumenti li jaħlulna l-ħin tant prezzjuż.

“Missieri tassew bravu!”

F’teatru popolari f’Pariġi kellu jsir programm mużikali minn kantant maħbub Franċiż. Il-biljetti kienu mibjugħa kollha sa minn ġimgħa qabel.

Waslet il-ġurnata ta’ dan il-mistenni programm mużikali, imma meta wasal il-ħin biex jibda l-programm, ħareġ wieħed mill-organizzaturi u ħabbar li l-kantant kien marad u allura ma setax jagħmel il-kunċert. Kif semgħu dan, l-udjenza preżenti nfexxet f’tisfir u ibbujjar tant qawwi li lanqas semgħu l-isem tal-kantant li ġie mistieden biex jagħmel il-programm hu flok dak li marad!

Ħareġ il-kantant sostitut u beda jkanta. Għamel ħiltu kollha biex iferraħ lil dawk preżenti, iżda kollox kien jindika li ma rnexxilux. Tant hu hekk li meta spiċċa l-programm mużikali, lanqas ħadd ma ċapċap!

Imma ħin bla waqt instema’ leħen ta’ żagħżugħ li, mill-gallarija tat-teatru fejn kien instema’ jgħajjat: ‘Prosit missier, kont tassew eċċellenti! Veru bravu!’

Dik l-għajta sinċiera taż-żagħżugħ ifaħħar lil missieru, intlaqgħet tajjeb minn dawk preżenti li f’daqqa waħda qamu bilwieqfa u bdew iċapċpu bil-qalb lil dak il-kantant! Iva, kellha tkun l-imħabba tal-iben lejn missieru li sabet l-appoġġ sħiħ ta’ dawk kollha preżenti.

Nieħdu l-okkażjoni, aħna lkoll, biex nhar il-Ħadd,
16 ta’ Ġunju 2019, Jum il-Missier,
nuru imħabbitna lejn l-għeżież missirijiet tagħna:
kemm jekk dawn għadhom magħna
billi nuruhom ir-rispett li jixirqilhom,
kif ukoll jekk daħlu fil-mistrieħ ta’ dejjem billi nitolbu għalihom.

Qalb li qed taqbad!



Il-maħbub tagħna Ġesù ried jurina l-imħabba kbira li għandu f'Qalbu għalina l-bnedmin. Dan ried jagħmlu permezz ta' tfajla umli, xebba l-aktar safja: Margerita Marija Alacoque, li kienet minsija mid -dinja, iżda tant għażiża għal Alla. Din it-tfajla xxurtjata kellha 26 sena, u kienet ilha li saret soru fil-monasteru tal-Viżitazzjoni ta' Paray-Le-Mondial, fi Franza, ftit aktar minn sena.

Tliet darbiet Ġesù ried ifarraġha bil-preżenza tiegħu lil din il-maħbuba ta' Qalbu. L-ewwel dehra ġrat eżatt fis-27 ta' Diċembru 1673, it-tieni dehra seħħet fl-Ottava ta' Corpus, is-sena ta' wara, jiġifieri fl-1674, u t-tielet dehra ġrat fis-16 ta' Ġunju 1675.

Sewwasew meta ġrat it-tieni dehra, filwaqt li din is-soru qaddisa kienet tinsab f'estasi l-aktar ħelwa, mitlufa bla ma tiċċaqlaq, b'idejha msallbin fuq sidirha, u b'wiċċha mdawwal b'dawl tas-sema, tilmaħ dawl tant kbir li dawwal l-artal kollu.

Minn ġot-tabernaklu tilmaħ lil Ġesù qiegħed juriha l-Qalb tiegħu. Minn din il-qalb kienu ħerġin ħafna fjammi waqt li kienet imdawra b'kuruna tax-xewk u maqsuma minn pjaga l-iktar kbira u li minnha kien qed iċarċar id-demm,u fuq din il-Qalb kien hemm Salib.

Minn fomm Ġesù nstemgħu dawn il-kelmiet:

'Margerita, jien inwiegħed fil-ħniena kbira tal-Qalb tiegħi li, lil dawk kollha li għal disa' xhur wara xulxin jitqarbnu fl-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar, jien nagħtihom il-grazzja li waqt il-mewt ikollhom l-indiema ta' dnubiethom, li ma jmutux mingħajr il-maħfra tagħhom, lanqas bla ma jirċievu s-Sagramenti, u l-Qalb tiegħi tkun għalihom bħala port tas-salvazzjoni f'dak l-aħħar ħin ta' ħajjithom.'

Niftakru f'din il-wegħda li fiha naraw l-Imħabba kbira ta' Ġesù lejna.

Kura Materna



F'Mejju tas-sena l-oħra, il-Knisja Kattolika ċċelebrat għall-ewwel darba l-festa ġdida: Marija Omm il-Knisja.
Fil-fuljett tagħna ma konna ġibna xejn fuq din il-festa għax meta konna nafu biha l-fuljett kien diġà lest. Għalhekk issa ser inġibu ftit informazzjoni fuq din il-festa Marjana.

Fid-digriet li ġie ppubblikat fit-3 ta' Marzu 2018, il-Kardinal Robert Sarah, il-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kult divin, kiteb din l-istqarrija:

'Papa Franġisku, filwaqt li qies bir-reqqa kemm din id-devozzjoni tkattar is-sens matern tal-Knisja fir-Rgħajja, fir-reliġjużi u fil-fidili, kif ukoll fit-tjieba Marjana ġenwina, ordna li t-tifkira tal-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Knisja, tkun imdaħħla fil-Kalendarju Ruman it-Tnejn wara Għid il-Ħamsin u tkun iċċelebrata kull sena.'

Dan it-titlu ta' Marija Omm il-Knisja, instema' l-ewwel darba kważi 55 sena ilu. Ġara li waqt laqgħat li kienu jsiru fuq il-kostituzzjoni konċiljari li ħarġu mill-Konċilju Vatikan II, il-Beatu Papa Pawlu VI 'ried jagħraf b'mod solenni għal Marija t-titolu ta' Omm il-Knisja'. Kienet deċiżjoni li ntlaqgħet bl-applaws tremend ta' dawk miġburin fl-awla. Kien il-21 ta' Novembru 1964.

Matul iż-żmien riċenti din il-festa ta' Marija Omm il-Knisja kienet issir f'diversi pajjiżi, imma mhux b'mod universali. Żewġ pajjiżi, il-Polonja u l-Arġentina dejjem għamluha it-Tnejn wara l-Ġħid il-Ħamsin.

Il-festa tal-Għid il-Ħamsin hija meqjusa bħala l-festa tat-Twaqqif tal-Knisja, hija l-festa tat-twelid tagħha bħala l-Ġisem Ħaj ta' Kristu, li bih u fih huwa jrid jibqa' preżenti fid-dinja. Għalhekk tassew kienet ideja perfetta li l-festa ta' Marija Omm il-Knisja ssir dejjem it-Tnejn wara l-Għid il-Ħamsin. Din is-sena hi fl-10 ta' Ġunju.

U kif kiteb il-Kardinal Robert Sarah: 'Hija ċara r-rabta bejn il-ħajja mħeġġa tal-Knisja tal-Għid il-Ħamsin, u l-kura materna ta' Marija għaliha!'

... ħalli noqgħod bilqiegħda flokok’



Jim Clarke, żagħżugħ ta’ madwar 27 sena minn Londra kien impjegat ma’ kumpanija li tqassam il-mediċini mal-Ingilterra u għall-esportazzjoni. Billi l-uffiċini fejn kien jaħdem Jim kienu ’l bogħod mid-dar, kellu ta’ kuljum jivvjaġġa bit-tren.

Darba minnhom, meta waslu fil-waqfa li fiha jinżel Jim, dan lanqas induna daqskemm kien aljenat. Imnalla kien hemm raġel li ġibidlu l-attenzjoni biex jinżel. Jim tant tfixkel meta nduna li t-tren diġà kien se jibda miexi, li lanqas irringrazzja lil dak ir-raġel li ġibidlu l-attenzjoni.

Għalhekk l-għada filgħodu Jim qagħad attent li jsib lil dak ir-raġel sabiex jirringrazzjah. Meta rah, Jim mar fuqu u rringrazzjah bil-qalb għax, kif fil-fatt qallu, kieku ma niżilx fil-ħin, żgur li kien jasal tard ħafna għax-xogħol. Imma mbagħad, b’ċerta kurżità żied jistaqsih: ‘Għidli ftit ħabib, kif kont taf li jien kelli ninżel f’dak l-istazzjon?’

Għal din il-mistoqsija, ir-raġel wieġbu xott xott: ‘Dażgur li kont naf. Għalija hu mportanti li tinżel. Għax wara nkun nista’ noqgħod bilqiegħda flokok u nkompli l-vjaġġ komdu!’



Dan ifisser li dak ir-raġel fakkar lil Jim mhux bħala att ta’ ġenerożità, imma bħala mezz biex jakkwista l-kumdità hu. L-egoiżmu hu vizzju fin ħafna. Għandna tendenza li nfittxu dak li jaqbel lilna, u nqisu l-interessi tagħna l-ewwel. Irridu nitgħallmu ninfetħu aktar għall-bżonnijiet tal-oħrajn u nuruhom imħabba ta’ veru.

Niżżel fid-djarju tiegħek

Is-Sibt, 1 ta' Ġunju 2019 - **L-Ewwal Sibt tax-Xahar**
Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, kif ukoll ngħidu r-Rużarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija;

Il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju 2019 - **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**
Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu;

Il-Ħadd, 16 ta' Ġunju 2019 - **Jum il-Missier**
Għandna nuru l-apprezzament ġenwin tagħna f'dan il-jum lejn l-għeżież missirijietna, kemm dawk ħajjin kif ukoll dawk li qegħdin jistrieħu fi ħdan il-Mulej (ara artiklu f'paġna 3);

Is-Sibt, 29 ta' Ġunju 2019 - L-Imnarja
Malta tfakkar il-festa ta' San Pietru u San Pawl. Tkun ħaġa xierqa li aħna nqaddsu dan il-jum hekk għażiż bis-smigħ tal-quddies u li nkunu ppreparati li nitqarbnu.

Mis-suq tal-ħajja

Illum ukoll, wara li qomt, tlabt, ħsilt wiċċi, inħsilt u bdejt il-ġurnata tax-xogħol. Iżda, hekk kif inżilt fis-suq tal-ħajja, x'intbaħt?

Li f'moħħi kelli pjan, imma mbagħad il-Mulej tani grazzja li jdaħħalli tiegħu minfloku. Xi grazzja din kienet għalija! Għax ħa ngħidilkom waħda ħbieb: kull darba li nitlob lill-Ispirtu s-Santu jmexxini Hu qed ninduna li l-pjanijiet li kelli qabel sqaq kienu! Aqta' kemm inissluli dwejjaq u mard f'moħħi! Imma meta nitlob lill-Ispirtu s-Santu dejjem joħroġli b'xi waħda ġdida! Li lanqas biss inxommha!

Mela illum sirt norqod b'moħħi fil-paċi. Għax naf li, l-għada, kelma waħda tmur fin-nofs: *Spirtu s-Santu, IĊĊARĠJANI!* U veru tafux! L-għaliex is-sorpriża letterament taqa' mis-sema u tiġi fuq moħħi!

Patri Mario Attard OFM Cap

Drops Of Laughter

Question: What did the tie say to the hat?
Answer: You go on ahead and I'll hang around.

Question: What goes through towns, up and over hills, but doesn't move?
Answer: The road.

Question: When do you go at RED and stop at GREEN?
Answer: When you are eating a water melon.

Question: What has one horn and gives milk?
Answer: A milk truck

Drops Of Wisdom

He who is filled with love is filled with God himself.
Saint Augustine

God will not look you over for medals, degrees or diplomas but for scars. *Elbert Hubbard*

The spiritual life does not remove us from the world but leads us deeper into it. *Henri J.M. Nouwen*

It is better in prayer to have a heart without words than words without a heart. *Mahatma Gandhi*

Din il-ħarġa ta' Ġunju 2019 qed niddedikawha lil ħbieb tagħna li għamlu offerti sbieħ għall-fuljett tagħna 'It-Triq'. Aħna nirringrazzjawhom u nwegħduhom it-talb tagħna.

Id-Direzzjoni

Jekk tixtieq twaqqaf l-abbonament tiegħek f'dan il-fuljett, nitolbuk tinforma lid-direzzjoni billi tiktbilna fl-indirizz postali jew elettroniku li jidhru hawn taħt.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org